MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 309/2000/1

**Vassallo Builders Group Limited**

**vs**

**Direttur Generali tax-Xoghlijiet**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn is-socjeta` rikorrenti ppremettiet:

Illi fl-14 ta` Frar 2000 hi giet notifikata b`ittra ufficjali datata 8 ta` Frar 2000 (document “X”) prezentata kontriha mid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet li permezz taghha giet mitluba thallas is-somma ta` Lm1,362.65 “rappresentanti

ammonti dovuta minnek ghal bini ta` trinek u asfaltar gewwa Constitution Street, Mosta."

Illi dik l-ittra ufficjali saret mid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet ghal fini ta` u bil-mod kif mahsub fl-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12.

Illi in verita` l-ammont reklamat minghand is-socjeta` rikorrenti mhux minnha dovut.

M`hux minnu li d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet ghamel xi xoghol ta` bini ta` trinek kif minu allegat bl-imsemmija ittra ufficjali tieghu.

Inoltre s-socjeta rikorrenti ma ghandha thallas xejn ghax-xoghol ta` asfaltar gewwa Constitution Street, Mosta, li dwaru qieghed jippretendi hlas id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet. Infatti tali xoghol ta` asfaltar sar mat-tul kollu ta` Constitution Street, il-Mosta, mhux a beneficcju tas-socjeta' rikorrenti izda specifikatament fl-okkazjoni ta` u in konnessjoni mas-"Small Nations Games" li gew organizzati f`Malta dik is-snea, u in partikolari in konnessjoni mat-tlielaq tar-roti li kellhom jghaddu proprio minn Constitution Street.

B`hekk jirrizulta li l-pretensjoni tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti hi infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghalhekk ghall-finijiet tal-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12, is-socjeta` rikorrenti, filwaqt li opponiet it-talba maghmula kontriha mid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet bil-precitata ittra ufficjali tat-8 ta` Frar 2000, tablet li din il-Qorti tiddikjara li t-talba maghmula b`dik l-ittra ufficjali bhala wahda infondata.

Rat ir-risposta tal-intimat fejn gie sottomess:-

Illi l-ammont ta` elf tliet mija u tnejn u sittin lira maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1362.65c), huma dovuti lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet mis-Socjeta` rikorrenti ghal xoghijiet t`asfaltar mwettqa quddiem Casa Arkati wara li

saru xi xoghlijiet ta` trinek, gewwa Constitution Street, il-Mosta.

Illi s-socjeta` rikkorenti kienet ghamlet applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex Casa Arkati tigi provduta bl-elettriku u ghaldaqstant kellu jsir xoghol ta` tqattiegh u bini ta` trinek mill-istess Socjeta` rikorrenti u sussegwentement ix-xoghlijiet t`asfaltar mill-istess esponenti.

Illi minbarra dan kollu l-esponenti baghat numru ta` avvizi lis-Socjeta` rikorrenti, sabiex jithallas l-ammont dovut lid-Dipartiment, izda dan kollu kien ta` xejn.

Illi t-tqeghid tal-cable tad-dawl li sar, sabiex Casa Arkati tigi provduta bl-elettriku, bil-konsegwenza li kellu jsir xoghol ta` tqattiegh u bini ta` trinek u sussegwentement ix-xogholijiet ta` asfaltar mill-istess esponenti, zugr li ma sarux a beneficcju ta` hadd ghajr l-istess Socjeta` rikorrenti.

Ghalhekk l-intimat talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u tikkundanna lis-Socjeta` rikorrenti sabiex thallas l-ammont dovut lill-esponenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-intimat.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment final.

Ikkonsidrat:

Is-socjeta’ rokorrenti taghmel referenza ghall-ittra ufficjali tat-8 ta` Frar 2000 li biha l-intimat talab lis-socjeta rikorrenti thallsu s-somma ta` elf tlett mija tnejn u sittin liri

maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1362.65) prezz ta' bini ta' trinek u asfaltar go Constitution Street Mosta. Dan l-istess att sar ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12. Is-socjeta rikorrennti tipretendi li m'ghandha tghati xejn lill-intimat peress li l-intimat ma benix l-imsemmija trinek u peress li x-xoghol ta' asfaltar in kwestjoni sar in konnessjoni ma attivita' sportiva internazzjonali u mhux a beneficcju tas-socjeta' rikorrenti. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti opponiet it-talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali u talbet li jigi dikjarat li l-istess talba tal-intimat hi infondata.

L-intimat fir-risposta tieghu ssottometta li l-ammont in kwestjoni hu dovut mis-socjeta' rikorrenti ghall-asfaltar u xoghol ta' trinek li saru quddiem Casa Arkati, liema xogholijiet saru fuq applikazzjoni tal-istess socjeta' rikorrenti lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex l-imsemmija Casa Arkati tigi provduta bl-elettriku. In effett ix-xoghol ta' trinek kellu jsir mis-socjeta` rikorrenti u l-asfaltar kellu jsir sussegwentement mill-istess intimat. Kwindi x-xogholijiet kollha saru esklusivament a beneficcju tas-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk l-intimat issottometta li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu rigettati u b'hekk is-socjeta` rikorrenti ghandha tigi kundannata thallas l-ammont in kwestjoni;

Jirrizulta li fil-1993 gew organizzati f'Malta l-Loghob tal-Pajjizi z-Zghar li kienu jinkludu tlielaq tar-roti (bicycles). Ir-rotta ta' dawn it-tlielaq kienet tinkludi t-triq kollha in kwestjoni cioe' Constitutional Road Mosta. Jirrizulta ukoll li s-socjeta rikorrenti kellha bzonn li thaffer trinek fl-istess triq fejn tinsab Casa Arkati" li hi proprjeta' tal-istess socjeta' rikorrenti u dana sabiex issir sub-station tal-elettriku ghal-provista tad-dawl dejjem ghar-rigward tal-istess fond. Ovvjament wara li jsiru dawn it-trinek kien hemm bzonn li dawn jigu asfaltati. Ghalhekk f'dan ir-rigward is-socjeta rikorrenti ghamlet applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex isiru dawn ix-xogholijiet. Dan jirrizulta mid-dokument "VB2" a fol.26.

Minn esami akkurat jirrizulta li dan id-dokument jinkludi ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u l-Korporazzjoni

Enemalta fejn fost affarijiet ohra s-socjeta rikorrenti obbligat ruhha li tirrifondi, lill-istess Korporazzjoni, l-ispejjez kollha involuti fl-estensjoni tal-provista tal-elettriku "high tension" ghall-imsemmi fond tal-rikorrenti u kif tablet l-istess socjeta rikorrenti. Ghalhekk jirrizulta li kien hemm relazzjoni kontrattwali u guridika bejn is-socjeta rikorrenti u l-imsemmija Korporazzjoni.

Ma jirrizultax, pero', mill-atti, li kien hemm tali relazzjoni bejn l-istess socjeta' rikorrenti u l-Gvern jew xi Dipartiment tal-Gvern, inkluz id-Dipartiment rappresentat mill-intimat. Li jirrizulta hu li x-xoghol ta' asflatar sar mid-Dipartiment tal-intimat u li l-"bill of quantities", dokument "VB1" (fol.15), nhareg mill-istess Dipartiment intimate. B'hekk principalment ghandu jigi deciz jekk jirrizultax xi obbligu tas-socjeta rikorrenti li thallas dan il-kont.

Il-manager tas-socjeta rikorrenti kkonferma li l-bini tal-imsemmi fond gie kompletat fil-1993 ftit qabel ma nzamm f'Malta l-imsemmi loghob. Huwa qal ukoll li s-socjeta' rikorrenti hafret l-imsemmija trinek u lestithom fil-hin sabiex l-istess trinek jigu asfaltati flimkien mat-triq kollha in kwestjoni li kellha tigi asfaltata mill-Gvern peress li kienet ser tintuza in konnessjoni mal-imsemmi loghob. In effett, dejjem skond l-imsemmi xhud, l-asfaltar tat-triq kollha sar minn naha tal-Gvern in vista tal-imsemija tigrijiet. L-istess xhud sostna li f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' rikorrenti ma thoxx li hi obbligata li thallas ghall-asfaltar tat-trinek, li in effett ma sarux mat-triq kollha in kwestjoni izda biss f'parti taghha mentri l-asfaltar sar ghar-rigward tat-triq kollha.

Ix-xhieda prodotti mill-intimat (l-assistant principal fil-Works Division tal-Public Works u s-Senior Technical Officer tad-Dipartiment tat-Toroq li originarjament kien jifforma parti mid-Dipartiment tax-Xogholijiet) essenzjalment ikkonfermaw li l-ammont in kwestjoni u effettivament dovut mis-socjeta' rikorrenti, pero' ma specifikawx ir-raguni ghaliex hu hekk dovut. Dawn xehedu ukoll li x-xoghol in kwestjoni sar in konsegwenza tal-applikazzjoni li ghamlet is-socjeta rikorrenti. Kif gia gie rilevat, pero', tali applikazzjoni ma saritx lill-intimat izda lill-

Korporazzjoni Enemalta. Intqal ukoll mill-istess xhieda li waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet ta' asfaltar ta' parti tat-triq in kwestjoni kienu gew struzzjonijiet fis-sens li kellu jsir asfaltar ukoll ta' parti ohra tat-triq fejn kien hemm it-trinek in kwestjoni mhaffrin mir-rikorrenti. Ix-xhieda pero' ma ftakrux minn kien ta' dawn l-istrzzjonijiet. Huma kkonfermaw ukol li t-triq kienet ser tintuza in konnessjoni mal-imsemmija attivita' sportiva internazzjonali.

L-imsemija xhieda prodotti mill-intimat ikkonfermaw li meta ssir trinka ghall-uzu privat, ir-reinstatement jew l-asfaltar irid isir minn min ghamel l-istess trinka. Wara li saret, din id-dikjarazzjoni giet kwalifikata fis-sens li minn ghamel it-trinka hu obbligat li jhallas ghall-ispejjez tal-asfaltar. Dan zgur li ma jfissirx li l-asfaltar irid isir mill-Gvern pero' l-ispejjez relattivi jithallsu minn min ghamel it-trinka. In effett, sa certu punt, dak li qalu x-xhieda tal-intimat f'dan ir-rigward, gie konfermat mill-manager tas-socjeta rikorrenti li pero' qal testwalment "… meta wiehed jghamel trinka jghamel ukoll l-asfaltar." Dawn il-kliem ifisssru li minn jghamel it-trinka irid jghamel l-asfaltar u dan a spejjez tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu ma jirrizultax li hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet. Lanqas ma jirrizulta li b'xi mod is-socjeta' rikorrenti hi tenuta jew obbligata li tirrifondi l-ispejjez tal-asfaltar tat-trinek li haffru l-istess rikorrenti. Hu aktar verosimili dak li qed isostnu r-rikorrenti u cioe' li l-asfaltar tat-triq sar minn naha tal-Gvern in konnessjoni mal-imsemmi Loghob tal-Pajjizi z-Zghar u dan kien jinkludi l-parti tal-istess triq fejn kien hemm it-trinek tar-rikorrenti. Jidher li l-intimat qed jipprova jigbor lura parti mill-ispejjez li saru sabiex tigi asfatata t-triq de quo.

Ghalhekk jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u b'hekk jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12, tiddikjara li hi gustifikata l-opposizzjoni tar-rikorrenti ghat-talba maghmula kontriha

mid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet fl-ittra ufficjali tat-8 ta` Frar 2000 u billi tiddikjara li l-istess talba maghmula bl-istess ittra ufficjali hi nfondata.

Spejjez kollha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------